



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.6.2015  
COM(2015) 235 final

## **RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**Il-*ħdax*-il rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE)  
Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 u l-qagħda li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu li  
tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014**

{SWD(2015) 108 final}

## **RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**Il-ħdax-il rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE)  
Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 u l-qagħda li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu li  
tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 10 mal-Att tal-Adeżjoni<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra, RLĦ) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004. Huwa jiddefinixxi t-termini li d-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE japplikaw skonthom fir-rigward tal-moviment tal-persuni, tal-merkanzija u tas-servizzi minn naħa għall-oħra tal-Linja bejn iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-gvern ma għandux kontroll effettiv u iż-żoni li fihom għandu l-kontroll. Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja ta' dawn ir-regoli, l-applikazzjoni tagħhom ġiet estiża għall-fruntiera bejn dawn iż-żoni u iż-Żona tal-Bażi Sovrana tar-Renju Unit fil-Lvant (ESBA).<sup>2</sup>

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni żammet djalogu kostruttiv mal-awtoritajiet rilevanti tar-Repubblika ta' Ċipru, mal-Amministrazzjoni taż-Żona ta' Bażi Sovrana (SBA) fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament, kif ukoll mal-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka (TCCoC).

## **1. PERSUNI LI JAQSMU L-LINJA**

### **1.1. Il-qsim fil-punti ta' qsim awtorizzati**

Ir-Regolament jipprovdi qafas legali stabbli għall-moviment liberu ta' Ċiprijotti, ta' ċittadini oħrajn tal-UE u ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-Linja l-Ħadra (minn hawn 'il quddiem "il-Linja") fil-punti ta' qsim awtorizzati. Kien hemm żieda kemm fl-għadd ta' Ċiprijotti Griegi kif ukoll ta' Ċiprijotti Torok li qasmu fl-2014 meta mqabbel mas-snin preċedenti.

Skont id-dejta mir-Repubblika ta' Ċipru, kien hemm 589,906 (fis-sena ta' qabel: 520,410) qasma minn Ċiprijotti Griegi u 200,562 qasma minn vetturi Ċiprijotti Griegi (fis-sena ta' qabel: 183,185) kienu nnotati miż-żoni kkontrollati mill-gvern għall-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru u 927,141 (fis-sena ta' qabel: 877,759) qasma minn Ċiprijotti Torok u 346,495 qasma minn vetturi Ċiprijotti Torok (fis-sena ta' qabel: 323,655) mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern matul il-perjodu ta' rappurtar<sup>3</sup>.

L-għadd ta' ċittadini tal-UE minbarra Ċiprijotti u ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-Linja żdied b'mod sinifikanti. Skont id-dejta mill-Pulizija tar-Repubblika ta' Ċipru (minn hawn 'il quddiem CYPOL), matul il-perjodu ta' rappurtar, seħħew 732,856 qasma minn ċittadini tal-UE barra minn Ċiprijotti u minn ċittadini ta' pajjiżi terzi (fis-sena ta' qabel: 517,580). 77% minn dan il-qsim (565,742) saru fil-punt ta' qsim ta' Ledra Street li kompla jirrappreżenta l-maġġoranza l-kbira tal-qsim minn persuni mhux Ċiprijotti (l-aktar turisti).

Iċ-ċifri miġbura mill-komunità Ċiprijotta Torka jindikaw żieda fl-għadd ta' qsim minn Ċiprijotti Griegi (jiġifieri 838,876) u żieda fl-għadd ta' qsim minn vetturi Ċiprijotti Griegi (jiġifieri 281,521) miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru. Dawn jindikaw ukoll tnaqqis fl-għadd ta' qsim minn Ċiprijotti Torok (jiġifieri 1,257,530) u

<sup>1</sup> ĠU L 161, 30.04.2004, p.128. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 685/2013 tal-15 ta' Lulju 2013, ĠU L 196, 19.7.2013, p. 1 - magħruf bħala r-Regolament dwar "il-Linja l-Ħadra".

<sup>2</sup> Ara t-tielet premessa tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra.

<sup>3</sup> L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru ma jżommux rekords għar-ritorn ta' Ċiprijotti Griegi lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern jew ir-ritorn ta' Ċiprijotti Torok lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru.

żieda fl-għadd ta' qsim minn vetturi Ċiprijotti Torok fid-direzzjoni l-oħra (jiġifieri 484,186). Kien hemm 1,157,812-il persuna barranija li qasmu miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru.

Iċ-ċifri ta' CYPOL imsemmija hawn fuq, madankollu, ma jinkludux id-dejta dwar il-persuni u l-vetturi li qasmu mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru fil-punti ta' qsim ta' *Pergamos* u *Strovilia*.<sup>4</sup> L-ESBA tirrapporta, abbażi tal-informazzjoni mill-komunità Ċiprijotta Torka, li 108,893 (fis-sena ta' qabel: 84,551) Ċiprijotti Griegi qasmu lejn it-Tramuntana ta' Ċipru u 273,607 (fis-sena ta' qabel: 216,081) Ċiprijotti Torok qasmu l-Linja fid-direzzjoni l-oħra, filwaqt li 258,348 ċittadin tal-UE li mhumiex Ċiprijotti u ċittadini ta' pajjiżi terzi qasmu fiż-żewġ direzzjonijiet, mill-punt ta' qsim li jinsab fl-ESBA.

Fl-2014, l-għadd ta' persunal ta' CYPOL li jaħdem direttament fil-punti ta' qsim naqas għal 72 (75 fl-2013).

L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru ma ppermettewx xarabank Ċiprijotta Torka li kienet qed iġġorr ċittadini tal-UE taqşam lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern fil-punt ta' qsim ta' Agios Dhometios fis-26 ta' Frar 2014. Ir-Repubblika ta' Ċipru infurmat lill-Kummissjoni li, filwaqt li s-sewwieq kellu permess temporanju, ma kellux il-Liċenzja tal-Operatur rikjesta skont ir-Regolament Nru 1071/2009 u l-liġi nazzjonali Nru 101 (I)/(2001). Il-Kummissjoni diġà kienet infurmat lill-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru li la hu neċessarju u lanqas xieraq li jirrikjedu Liċenzja tal-Operaturi lil kumpanija tax-xarabanks fiż-żoni fejn l-acquis ma japplikax u għamlet il-pożizzjonijiet tagħha pubblika<sup>5</sup>.

L-istabilità, il-prevedibilità tal-prattika fil-punti tal-qsim u ċ-ċertezza legali huma indispensabbli biex jinkisbu l-oġġettivi tar-Regolament.

Bl-appoġġ tal-UNFICYP, ittieħdu passi importanti biex tiġi ffaċilitata l-prattika ta' qima reliġjuża kif imsemmija fir-rapport tal-UNSG ta' Jannar 2015<sup>6</sup>. Il-mexxejja u l-fidili reliġjużi gawdew minn possibilitajiet aktar faċli ta' qsim fiż-żewġ direzzjonijiet.

## **1.2. Il-migrazzjoni irregolari minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra u l-ażil**

Iċ-ċifri ta' CYPOL għall-2014 komplew jindikaw tnaqqis fl-għadd ta' migranti irregolari li jaqsmu l-Linja mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru lejn iż-żoni kontrollati mill-gvern. Fl-2014 l-għadd tagħhom laħaq 970, filwaqt li fl-2013, fl-2012 u fl-2011 kien rispettivament 1043, 1265 u 1311<sup>7</sup>. Bħala raġuni probabbli, CYPOL indikat it-tnaqqis fil-prospetti tal-impjieg minħabba l-kriżi ekonomika f'Ċipru, kif ukoll iż-żieda fl-għadd tal-persunal u l-għassa skont il-pjan strateġiku ta' CYPOL għall-2012-2015 kontra l-immigrazzjoni irregolari.

<sup>4</sup> Ir-RLĦ ma fihx obbligi ta' rappurtar għal dan it-traffiku.

<sup>5</sup> Id-disa' rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 u l-qagħda li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu.

<sup>6</sup> Ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tal-UNFICYP [S/2015/17] tad-9 ta' Jannar 2015.

<sup>7</sup> Biex ikun hemm dehra komprensiva tal-flussi ta' migrazzjoni irregolari minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra jkun utli wkoll li tinkiseb informazzjoni dwar l-għadd ta' persuni li ppruvaw jaqsmu l-Linja l-Ħadra iżda li ma tħallew x jidħlu fiż-żoni kkontrollati mill-gvern. Madankollu din l-informazzjoni mhix disponibbli peress li r-Repubblika ta' Ċipru ma żżommx statistika uffċjali dwar din il-kategorija ta' persuni.

Il-pajjiżi tal-oriġini bl-ogħla għadd ta' migranti irregolari maqbuda wara li jkunu qasmi l-Linja l-Ħadra kienu s-Sirja (619), il-Pakistan (58), l-Iran (44), il-Georgia (33), l-Indja (28).

Minn dawn id-970 migrant irregolari, 717-il persuna (74%) applikaw għal protezzjoni internazzjonali fir-Repubblika ta' Ċipru, li l-parti kbira minnhom kienu Sirjani (583).

Il-migranti irregolari normalment jinqabdu waqt kontrolli tul il-Linja u fl-ajruporti meta jkunu qed jippruvaw iħallu Ċipru. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed ifittxu protezzjoni internazzjonali normalment jiġu identifikati fl-għases tal-pulizija meta japplikaw għall-ażil.

Il-valutazzjoni ta' CYPOL tal-fatt li waslu fiż-żoni kkontrollati mill-gvern billi qasmi l-Linja b'mod irregolari hija bbażata fuq l-istess kriterji bħas-snin ta' qabel, primarjament permezz ta' biċċiet ta' informazzjoni inklużi fid-dokumenti tagħhom, dikjarazzjonijiet minn migranti u forom oħra ta' evidenza.

Abbażi tal-analiżi magħmula minn CYPOL, kważi l-migranti irregolari kollha maqbuda fiż-żoni kkontrollata mill-gvern, wara li jkunu qasmi l-Linja, kienu waslu preċedentement fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru billi għaddew mit-territorju Tork.

Il-komunità Ċiprijotta Torka infurmat lill-Kummissjoni li fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru qed isiru sforzi biex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari. Skont l-informazzjoni riċevuta, fl-2014, 2,160 persuna<sup>8</sup> (kollha kemm huma ġejjin mit-territorju tat-Turkija) ma tħallewx jidħlu fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru f'punti differenti ta' dħul u 777 persuna<sup>9</sup> li nqabdu fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru, intbagħtu lura fit-territorju tat-Turkija, li kien l-aħħar post li żaru qabel ma waslu fil-gżira.

Ir-rappreżentanti miż-żewġ komunitajiet jiltaqgħu regolarment fi ħdan Kumitat Tekniku bikomunali dwar il-Kriminalità u l-Affarijiet Kriminali (TCCCM) taħt l-awspiċji tan-NU. Bħala estensjoni għal dan il-kumitat, iż-żewġ komunitajiet ikomplu jużaw attivament il-"Kamra għall-Komunikazzjoni Konġunta" stabbilita preċedentement, li tipprovdli forum għall-iskambju tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet kriminali. Kooperazzjoni tajba wasslet għall-ftuħ ta' investigazzjonijiet kriminali. Kif innutat ukoll mis-Segretarju Ġenerali tan-NU, il-ħatra għall-ewwel darba ta' uffiċjali tal-pulizija bħala rappreżentanti Ċiprijotti Griegi tat-TCCCM kien sinjal pożittiv 'il quddiem lejn il-kooperazzjoni.<sup>10</sup>

CYPOL iddeskriviet il-kooperazzjoni ma' dipartimenti governattivi oħra rilevanti u l-amministrazzjoni tal-ESBA bħala tajba ħafna.

#### *Iż-Żona tal-Bażi Sovrana fil-Lvant (ESBA)*

B'mod ġenerali, il-migrazzjoni irregolari mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru li tgħaddi mill-ESBA naqset ftit. Fl-2014, inqabdu 9 migranti irregolari wara li qasmi l-Linja b'mod

<sup>8</sup> Ċittadini tas-Sirja: 699, tat-Turkija: 403, tal-Iraq: 136, tat-Turkmenistan: 90, tal-Georgia: 33.

<sup>9</sup> Ċittadini tat-Turkija: 274, tas-Sirja: 99, tat-Turkmenistan: 51, tar-Repubblika tal-Moldova: 36, tan-Niġerja: 32.

<sup>10</sup> Ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tal-UNFICYP [S/2015/17] tad-9 ta' Jannar 2015.

irregolari<sup>11</sup>. 1,301 persuna ma tħallewx jaqsmu, fil-maġġoranza tagħhom ċittadini Torok. Barranin oħra kienu l-aktar turisti mill-Istati Uniti, ir-Russja u l-Awstralja li waslu mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru. Dawn il-persuni ġew diretti lejn il-punt tal-qsim ta' Agios Dhometios għall-iproċessar skont il-ħtiġijiet għad-dħul fir-Repubblika ta' Ċipru.<sup>12</sup>

L-uffiċjali taż-Żona tal-Bażi Sovrana (SBA) ikomplu jiddeskrivu l-kooperazzjoni tagħhom mar-Repubblika ta' Ċipru bħala eċċellenti.

F'postijiet oħra għajr il-punti ta' qsim, il-Pulizija tal-SBA twettaq rondi irregolari, ibbażati fuq ir-riskju, rondi mmexxija mis-servizzi sigrieti kontra l-immigrazzjoni irregolari. Dawn ir-rondi huma ssupplimentati minn rondi mill-SBA Doganali u assi militari.

Bosta "punti ta' qsim mhux awtorizzati" fir-raġal ta' Pergamos jew ħdejh li jintużaw minn residenti lokali u bdiewa huma partikolarment diffiċli biex jiġu kkontrollati. Kif imsemmi f'rapporti preċedenti, dawn il-"punti ta' qsim mhux awtorizzati" għadhom kawża għal tħassib u għandha tinstab soluzzjoni xierqa konformi mal-Artikolu 5 (2) tal-Protokoll Nru 3 tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003.<sup>13</sup> L-SBA ddikjarat li l-persunal jista' jintbagħat malajr fiż-żoni tal-punti ta' qsim mhux awtorizzati jekk ikun hemm bżonn.

## **2. QSIM TAL-MERKANZIJA**

### **2.1. Il-valur tal-kummerċ**

Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1480/2004<sup>14</sup>, il-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torok (TCCoC) kif ukoll l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru rrappurtaw fuq bażi ta' kull xahar dwar it-tip, il-volum u l-valur tal-merkanzija li għaliha nħarġu dokumenti anċillari. It-tnejn li huma jirrapportaw dwar merkanzija li qasmet lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern mill-punti ta' qsim ta' *Pergamos* u *Strovilia* taħt l-awtorità tal-Amministrazzjoni tal-SBA.

Skont it-TCCoC, il-valur totali ta' merkanzija li għaliha nħarġu dokumenti anċillari ammonta għal EUR 3,911,189 (is-sena ta' qabel: EUR 4,311,615). Dawk iċ-ċifri jindikaw tnaqqis ta' 9,3% tal-valur totali tal-merkanzija li għaliha nħarġu dokumenti anċillari meta mqabbla mal-2013.

Skont ir-rapporti pprovduti mir-Repubblika ta' Ċipru, il-valur kummerċjali totali tal-merkanzija b'dokumenti anċillari li qasmet il-Linja żiedet bi ftit bi 3,1% għal EUR 3,520,045. Iż-żieda kienet notevoli għal prodotti tal-plastik, materjal tal-bini, prodotti tal-aluminju/PVC u ħut frisk. Il-partijiet ikkonċernati jsemmu l-istabilizzazzjoni tal-kriżi ekonomika bħala l-fattur ewlieni li wassal għal din iż-żieda.

---

<sup>11</sup> Dawn id-9 migranti irregolari li nqabdu fl-ESBA ngħataw lill-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru u ġew miżjuda mal-għadd totali ta' persuni li qasmo l-Linja b'mod irregolari u li t-tqassim skont in-nazzjonalità tagħhom huwa pprovdut fl-Anness VII.

<sup>12</sup> Ċittadini tat-Turkija: 837, tal-Istati Uniti: 66, tar-Russja: 58, tal-Awstralja: 50, tal-Ukraina: 33.

<sup>13</sup> ĠU L 236, 23.09.2003, p. 940.

<sup>14</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1480/2004 tal-10 ta' Awwissu 2004, ĠU L 272, 20.8.2004, p. 3.

Minkejja li mhuwiex kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tar-RLĦ, il-kummerè miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru żdied b'madwar 56% minn EUR 799,910 fl-2013 għal EUR 1,246,930 fl-2014 skont ċifri mill-Kamra tal-Kummerè u l-Industrija ta' Ċipru (CCCI). Il-kummerè miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru jirrappreżenta 35,4% tal-kummerè fid-direzzjoni opposta (23,4% fl-2013).

Il-komunità Ċiprijotta Torka tkompli tapplika reġim ta' kummerè, li fil-prinċipju "jirrifletti" r-restrizzjonijiet tar-RLĦ. Madankollu, dan ir-reġim mhux dejjem qed jiġi applikat b'mod konsistenti, u dan jagħmilha diffiċli biex jiġu stabbiliti relazzjonijiet kummerċjali sostenibbli. Il-protezzjoni ta' negozji lokali hija ddikjarata apertament mill-partijiet interessati Ċiprijotti Torok bħala r-raġuni ewlenija.

## **2.2. Tip ta' merkanzija**

Fl-2014, il-prodotti tal-plastik kienu l-aktar oġġett ikkummerċjalizzat, segwiti minn ħut frisk, materjal/oġġetti tal-ġebel għall-bini u materjal għar-riċiklaġġ mhux ipproċessat.<sup>15</sup>

Ġew introdotti prodotti ġodda bħal bajtar tax-xewk u konkrit lest iżda kellhom impatt limitat ħafna fuq il-kummerè. Il-kummerè kollu li għadda mil-Linja kien kummerè limitat għall-gżira u ma kienx hemm esportazzjoni rreġistrata lejn Stati Membri oħra tal-UE jew lejn pajjiżi terzi.

## **2.3. Irregolaritajiet**

Matul il-perjodu ta' rappurtar, ir-Repubblika ta' Ċipru ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar każ wieħed partikolari li jinvolvi ħut frisk ta' oriġini Torka. Il-Kummissjoni infurmat lit-TCCoC b'dan. It-TCCoC immedjatament investigat il-kwistjoni, issanzjonat lin-negozjant u ssuspendietu milli jagħmel kummerè minn naħa għal oħra tal-Linja l-Ħadra sal-aħħar tal-2014.

## **2.4. Ostakoli u diffikultajiet fir-rigward tal-moviment tal-merkanzija**

L-ostakoli għall-kummerè li jgħaddi mil-Linja jkomplu jippersistu u, fl-opinjoni tal-Kummissjoni u tal-operaturi Ċiprijotti Torok, huma raġuni għal-livell limitat tal-kummerè.

Kif imsemmi frapporti preċedenti, il-kwistjoni tal-vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok li jaqsmu lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern għadha mhix solvuta. Il-Kummissjoni hija konvinta li s-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jiżdied il-livell tal-kummerè peress li jiġi ffaċilitat it-trasport tal-merkanzija. Barra minn hekk din issaħħaħ il-kuntatt bejn l-operaturi ekonomiċi Ċiprijotti u b'hekk tikkontribwixxi b'mod importanti biex issaħħaħ il-fiduċja bejn iż-żewġ komunitajiet. Sal-lum, l-ebda vettura kummerċjali Ċiprijotta Torka ta' aktar minn 7,5 tunnelli ma tista' taqsm il-Linja sakemm ma jkollhiex dokumenti konformi b'mod sħiħ mal-acquis maħruġa mir-Repubblika ta' Ċipru. L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru infurmaw lill-Kummissjoni li daħħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet biex jiffaċilitaw il-kisba ta' ċertifikati tal-affidabbiltà stradali u liċenzji tas-sewqan professjonali għaċ-Ċiprijotti Torok.

---

<sup>15</sup> Anness IV.

Mis-sajf tal-2013, il-Kummissjoni żammet kuntatt mal-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati Ċiprijotti Torok bil-għan li tistabilixxi mekkaniżmu li jippermetti l-qsim ta' vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok<sup>16</sup>. Fid-dawl tas-sospensjoni tal-acquis fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern skont il-Protokoll Nru 10 tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-2003, mekkaniżmu simili jista' jiffaċilita l-qsim ta' vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok u jindirizza kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza. Dawn il-kuntatti biex tinstab soluzzjoni ma pproduċewx riżultat fi tmiem il-perjodu ta' rappurtar.

Fir-rigward tal-ikel ipproċessat, l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru ma jippermettux il-qsim ta' prodotti ta' ikel ipproċessat, minħabba t-tħassib li qajmu s-servizzi tas-saħħa dwar il-proċess tal-produzzjoni fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru. Il-Kummissjoni tkompli ssostni, kif irrapportat qabel, li skont ir-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra ma hemm l-ebda raġuni li jitwettqu kontrolli ta' bini ta' kumpaniji fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru biex jiġi vvalutat jekk il-produzzjoni ssirx skont ir-regoli tal-Unjoni<sup>17</sup>. Filwaqt li l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru jistgħu jieħdu kampjuni tal-prodotti għal aktar analiżi skont l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra, ma għandhomx jipprevjenu l-qsim tal-ikel ipproċessat kollu. Sal-lum, l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru għadhom mhux qed jippermettu l-qsim tal-ikel ipproċessat. Jeħtieġ li jkomplu d-diskussjonijiet bejn l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru u l-Kummissjoni sabiex tissolva l-kwistjoni.

Mis-sajf 2013, il-Kummissjoni għamlet sforzi simili għal dawk approvati għal vetturi kummerċjali bil-għan li timplimenta mekkaniżmu li jiffaċilita l-qsim ta' ikel ipproċessat u tindirizza l-kunsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika. Fir-rigward tal-vetturi kummerċjali, id-diskussjonijiet ma pproduċewx riżultat fi tmiem il-perjodu ta' rappurtar.

Bħal fis-snin preċedenti, in-negozjanti Ċiprijotti Torok baqgħu jirrapportaw diffikultajiet biex jistokkjaw il-prodotti tagħhom fil-ħwienet u biex jirreklamaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom fiż-żoni kkontrollati mill-gvern u dan ifixkel il-kummerċ. In-negozjanti jkomplu jirrapportaw dwar ir-raġuni għalfejn b'mod ġenerali ċ-Ċiprijotti Griegi jsibuha bi tqila biex jixtru prodotti Ċiprijotti Torok. Barra minn hekk, issemma' li negozjanti miż-żewġ komunitajiet qegħdin jaffaċċaw ħafna problemi amministrattivi meta jkunu jridu jidħlu f'negozju mal-komunità l-oħra. L-operaturi ekonomiċi miż-żewġ naħat għandhom b'żonn ikunu ħielsa li jidħlu f'relazzjonijiet kummerċjali bbażati fuq il-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom.

Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti innota li sfortunatament għad hemm livell baxx ħafna ta' kummerċ u esprima l-opinjoni li l-inkuraġġiment tal-kummerċ ma jistax ħlief iħalli impatt pożittiv fuq l-oġettiv tar-riunifikazzjoni<sup>18</sup>.

## **2.5. Il-kuntrabandu ta' merkanzija**

Il-kuntrabandu ta' merkanzija għadu mifruq, li jirrifletti n-natura ġeografika tal-Linja. L-operazzjonijiet ta' kontroll iseħħu f'żoni qrib il-Linja sabiex jiġu trattati b'mod partikolari

<sup>16</sup> Id-disa' u l-għaxar rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 u l-qagħda li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu.

<sup>17</sup> L-għaxar rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 u l-qagħda li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu.

<sup>18</sup> Ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tal-UNFICYP [S/2015/17] tad-9 ta' Janjar 2015.



kwistjonijiet staġjonali bħat-trasport ta' għasafar tal-kaçça/slavaġ jew trikkitrakki (ukoll permezz tal-ESBA) lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern.

Fl-2014, ir-Repubblika ta' Ċipru wettqet 2,627 konfiska (fis-sena ta' qabel: 2,873). Fl-2014, kien hemm żieda fil-kwantitajiet ta' sigaretti u tabakk tal-brim u tnaqqis fil-kwantitajiet ta' sigaretti kkonfiskati mir-Repubblika ta' Ċipru: 140,029 sigarett u 370.794 gr. ta' tabakk tal-brim (fis-sena ta' qabel: 175,340 sigarett u 300,704 gr., rispettivament). Ġie rrapportat li fil-maġġoranza tiegħu, dan il-kuntrabandu jikkonsisti fi kwantitajiet żgħar. Il-kuntrabandu jsir minħabba d-differenzi fil-prezz u t-taxxa li issa hija oġhla tar-Repubblika ta' Ċipru fuq il-prodotti tat-tabakk. Oġġetti oħra kkonfiskati jinkludu prinċipalment merkanzija li tikser id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, kif ukoll prodotti tal-annimali u tal-ħalib. Ma kien hemm l-ebda każ kriminali ppreżentat fil-qorti distrettwali minħabba kuntrabandu. Għall-maġġoranza tal-każijiet irrappurtati, tiġi imposta piena amministrattiva.

Fl-2014, kien hemm livell oġhla ta' identifikazzjoni ta' merkanzija fl-ESBA. Fl-2014 kien hemm 452 konfiska (fis-sena ta' qabel: 351) u bħal qabel, is-sigaretti u t-tabakk tal-brim kienu l-oġġetti l-aktar ikkonfiskati.

Fir-rigward tal-provvista tradizzjonali tal-popolazzjoni Ċiprijotta Torka fir-raħal ta' Pyla, li jinsab fiż-Żona ta' Protezzjoni (l-Artikolu 4 (10) tar-RLĦ), il-kwantitajiet ta' materjali ta' kostruzzjoni, ħut, sigaretti, eċċ. huma mmonitorjati u rreġistrati mill-amministrazzjoni tal-ESBA.

## **2.6. Il-faċilitazzjoni tal-kummerċ**

Il-Kummissjoni qed tkompli tfittex modi sabiex jiżded il-kummerċ li jaqsam il-Linja.<sup>19</sup>

It-TCCoC kompliet tesprimi interess ġenerali fit-tneħħija tal-projbizzjoni tal-kummerċ fl-annimali ħajjin u l-prodotti tal-annimali kollha sal-punt fejn dawn il-prodotti jkunu jikkonformaw mar-regoli u r-regolamenti tal-UE, inklużi l-prodotti mill-ħalib. Il-Kummissjoni bħalissa qed tanalizza t-talba biex jiġi awtorizzat il-kummerċ tal-ħut tal-akkwakultura. Ir-Repubblika ta' Ċipru ripetutament espremiet ir-rieda tagħha li teżamina l-possibbiltà li tespandi l-lista tal-merkanzija li tista' taqsam għaż-żoni kkontrollati mill-gvern.

Il-Kummissjoni tinkuraġġixxi lill-operaturi ekonomiċi biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet ta' negozju u tilqa' tajjeb l-isforzi intensi tal-Kmamar tal-Kummerċ.

Wara li l-UNDP sponsorjat eżerċizzju ta' skambju ta' ideat barra l-gżira f'Malta f'Settembru 2013, il-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka, il-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija ta' Ċipru, l-Unjoni tal-Kmamar u tal-Iskambju ta' Komoditajiet tat-Turkija u l-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija ta' Ateni ħolqu l-Forum Ekonomiku ta' Nikosija, li ltaqa' darbtejn fl-2014.

---

<sup>19</sup> Fl-2011 il-Kummissjoni neħħiet l-obbligu li patata kummerċjalizzata minn naħa għall-oħra tal-Linja għandha titkabbar direttament minn żerriegħa tal-patata ċertifikata.

## **2.7. Merkanzija tal-Unjoni li ttieħdet lura lejn iż-żoni li huma taħt kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru wara li kienet għaddiet miż-żoni li mhumiex taħt il-kontroll effettiv tiegħu.**

L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru rrapportaw li 5418-il oġġett ittieħed lura lejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern wara li kienu għaddew miż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern. Intqal li dan il-qsim seħħ bla problemi u li l-maġġoranza tal-moviment iseħħ lejn/mill-punti ta' qsim ta' Kato Pyrgos-Karavostasi u ta' Astromeritis-Zhodia.

## **3. KONKLUŻJONIJIET**

Kif ġie ddikjarat f'rapporti preċedenti, il-kontroll tal-Linja fil-punti ta' qsim awtorizzati mill-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru u l-SBA u l-isforzi li saru huma sodisfaċenti minkejja r-restrizzjonijiet baġitarji. Huwa pożittiv li jiġi nnutat li l-għadd ta' persuni li jaqsmu l-Linja b'mod irregolari qed ikompli jonqos, iżda s-sitwazzjoni trid tkompli tiġi mmonitorjata bir-reqqa. Il-Kummissjoni titlob ukoll lill-Amministrazzjoni tal-SBA sabiex issib soluzzjoni xierqa biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-punti ta' qsim "mhux awtorizzati".

Il-Kummissjoni tkompli tikkunsidra li l-istabilità, il-prevedibilità u ċ-ċertezza legali tal-ħtiġijiet fil-punti ta' qsim, kif ukoll il-libertà tal-moviment taċ-ċittadini tal-UE, huma ta' importanza kbira, u se tkompli tqajjem il-kwistjoni.

Fl-2014, il-valur tal-kummerċ minn naħa għal oħra tal-Linja żdied ftit bi 3,1% għal EUR 3,520,045 minn EUR 3,411,593 skont ir-Repubblika ta' Ċipru, filwaqt li l-valur tal-merkanzija li għaliha nħarġu dokumenti anċillari mit-TCCoC naqas b'9,3% minn EUR 4,311,615 għal EUR 3,873,782.15. Il-prodotti tal-plastik kienu l-aktar oġġett ikkummerċjalizzat, segwiti minn ħut frisk, materjal/oġġetti tal-ġebel għall-bini u materjal tal-metall għar-riċiklaġġ mhux ipproċessat. Il-livell ġenerali tal-kummerċ baqa' f'livell baxx, parzjalment minħabba l-ambitu speċifiku tar-Regolament innifsu.

Matul il-perjodu ta' rappurtar, kien għad hemm ċerti ostakoli għall-kummerċ. Il-vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok ta' l fuq minn 7.5 tunnelli u l-ikel ipproċessat għadhom mhux awtorizzati li jaqsmu mill-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru. Is-servizzi tal-Kummissjoni żammew kuntatti mad-dipartimenti rilevanti tar-Repubblika ta' Ċipru u partijiet ikkonċernati oħra bl-għan li titqiegħed fis-seħħ soluzzjoni vijabbli li tiffaċilita l-moviment ta' vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok u l-qsim tal-ikel ipproċessat filwaqt li jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sikurezza. Ma ntlaħaq l-ebda riżultat fi tmiem il-perjodu ta' rappurtar la dwar din il-kwistjoni tal-vetturi kummerċjali u lanqas dwar il-kwistjoni tal-ikel ipproċessat.

B'mod ġenerali, u filwaqt li r-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra għadu jipprovdi bażi legali li tippermetti l-passaġġ ta' persuni u merkanzija lejn u miż-żoni kkontrollati mill-gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, il-Kummissjoni għadha inkwetata dwar il-livell baxx tal-kummerċ. B'hekk, ma jidher li hemm l-ebda evidenza li żdiedet l-interdipendenza ekonomika bejn iż-żewġ komunitajiet. Il-Kummissjoni tqis li t-tneħħija tal-ostakoli imsemmija hawn fuq għall-kummerċ għandha tgħin biex il-kummerċ jiżdied b'mod sinifikanti minn naħa għal oħra tal-Linja l-Ħadra. Fuq dan l-isfond, il-Kummissjoni tibbaża fuq il-kooperazzjoni effettiva tar-Repubblika ta' Ċipru u tal-SBA biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament

tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004. Il-Kummissjoni se tibqa' tissorvelja l-implimentazzjoni tar-Regolament.